DEĊIŻJONI (UE) 2026/77 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' Diċembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/166 dwar il-Bord tal-Infrastruttura tas-Suq (BĊE/2019/3) *(BĊE/2025/43)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 12.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2012/13 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Lulju 2012 dwar it-TARGET2-Securities ([1]),

Filwaqt li:

(1) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-aħħar emenda tad-Deċiżjoni (UE) 2019/166 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/3) ([2]), huwa meqjus xieraq li jiġu aġġornati r-Regoli ta' Proċedura tal-Bord tal-Infrastruttura tas-Suq (MIB).

(2) Emendi minuri huma wkoll ikkunsidrati meħtieġa biex jiġi aġġornat il-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-MIB f'konformità mal-iżviluppi reċenti. Barra minn hekk, huma meħtieġa aġġornamenti biex jirriflettu l-attivazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kollateral tal-Eurosistema (ECMS). Il-kompetenzi tal-MIB jinkludu s-suġġetti kollha relatati mal-ECMS iżda ma jestendux għall-qafas kollaterali jew kwalunkwe att legali relatat, bħal-Linja Gwida (UE) 2024/3129 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/22) ([3]).

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2019/166 (BĊE/2019/3) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi

L-Annessi I, II, III u IV tad-Deċiżjoni (UE) 2019/166 (BĊE/2019/3) huma emendati skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 215, 11.8.2012, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2012/473/oj.

([2]) Deċiżjoni (UE) 2019/166 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta' Jannar 2019 dwar il-Bord tal-Infrastruttura tas-Suq u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2012/6 dwar it-twaqqif tal-Bord għall-Programm TARGET2-Securities (BĊE/2019/3) (ĠU L 32, 4.2.2019, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/166/oj).

([3]) 3 Linja Gwida (UE) 2024/3129 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Awwissu 2024 dwar il-ġestjoni ta' kollateral f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema (BĊE/2024/22) (ĠU L, 2024/3129, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2024/3129/oj).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Diċembru 2025.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS

L-Annessi I, II, III u IV tad-Deċiżjoni (UE) 2019/166 (BĊE/2019/3) huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, fl-introduzzjoni, l-ewwel paragrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Eurosistema toffri infrastrutturi, pjattaformi, applikazzjonijiet tas-suq u servizzi relatati fl-oqsma tas-saldu ta' flus kontanti, tas-saldu tat-titoli u tal-ġestjoni tal-kollateral, li jinkludu servizzi TARGET li jinkludu servizzi T2, T2S u TIPS kif ukoll l-ECMS (is-'servizzi tal-infrastruttura tal-Eurosistema')."";

(2) L-Anness II huwa emendat kif gej:

(a) fil-Kapitolu 1, fl-introduzzjoni, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Eurosistema toffri infrastrutturi, pjattaformi, applikazzjonijiet tas-suq u servizzi relatati fl-oqsma tas-saldu ta' flus kontanti, tas-saldu tat-titoli u tal-ġestjoni tal-kollateral, li jinkludu servizzi TARGET li jinkludu servizzi T2, T2S u TIPS kif ukoll l-ECMS (is-'servizzi tal-infrastruttura tal-Eurosistema')."";

(b) fil-Kapitolu 1, it-Taqsima 2, it-tielet paragrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-MIB huwa magħmul mill-President u membri oħra, kif ġej:

(a) disa' membri mill-BĊNi tal-Eurosistema (bi drittijiet tal-vot), b'tali mod li mill-inqas 85 % tal-kontribuzzjonijiet tal-BĊNi taż-żona tal-euro għall-kapital tal-BĊE (jiġifieri 85 % taċ-ċavetta tal-kapital tal-Eurosistema) huwa b'hekk rappreżentat;

(b) membru wieħed għal kull BĊN mhux taż-żona tal-euro li jkun iffirma mill-inqas Ftehim ta' Parteċipazzjoni fil-Munita wieħed (li tnejn minnhom, nominati mill-President tal-MIB fuq proposta mill-Gruppi ta' Tmexxija tal-Muniti mhux tal-euro, ikollhom drittijiet tal-vot); u

(c) żewġ membri ta' bank mhux ċentrali (mingħajr drittijiet tatl-vot): wieħed b'esperjenza bħala uffiċjal anzjan fl-industrija tal-pagamenti, u wieħed b'esperjenza bħala uffiċjal anzjan fl-industrija tat-titoli.";

(c) Fil-Kapitolu 2, it-Taqsima 4, it-tieni paragrafu huwa ssostitwit b'dan li gej:

"Il-Grupp Informali tal-Eurosistema għall-Infrastruttura tas-Suq (GIE) għandu jkun magħmul minn rappreżentati nominati mill-BĊNi tal-Eurosistema li mhumiex rappreżentati fl-MIB. Il-GIE għandu jkollu aċċess awtomatiku għad-dokumentazzjoni kollha tal-MIB, inklużi l-aġendi u l-minuti tal-MIB, fl-istess ħin bħall-membri tal-MIB. Il-GIE jista' jipprovdi kummenti bil-miktub matul il-proċeduri bil-miktub tal-MIB jew qabel il-laqgħat tal-MIB sabiex il-fehmiet tagħhom ikunu jistgħu jitqiesu kif xieraq mill-MIB. Il-membri tal-GIE jistgħu wkoll jagħmlu talba lill-President biex jipparteċipaw fl-MIB jekk ikollhom interess partikolari f'suġġett. Il-President se jkun responsabbli biex jinforma lil tali BĊNi tal-Eurosistema jekk jitqies li jista' jkollhom xi interess partikolari u jista' wkoll iressaq kwalunkwe punt imqajjem minn tali BĊN tal-Eurosistema quddiem l-MIB.";

(3) L-Anness III huwa emendat kif gej:

(a) fl-introduzzjoni, l-ewwel żewġ paragrafi huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"Il-Bord tal-Infrastruttura tas-Suq (MIB) huwa kompost minn membri maħtura mill-Kunsill Governattiv (il-'Kunsill Governattiv') tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Il-membri għandhom jaġixxu biss fl-aħjar interess tal-Eurosistema u l-membri tal-BĊNi mhux taż-żona tal-euro għandhom jaġixxu fl-aħjar interess tal-infrastrutturi tas-suq, il-pjattaformi, l-applikazzjonijiet u s-servizzi relatati tal-Eurosistema fl-oqsma tas-saldu ta' flus kontanti, is-saldu tat-titoli u l-ġestjoni tal-kollateral, li jinkludu s-servizzi tat-TARGET li jinkludu s-servizzi T2, T2S u TIPS kif ukoll l-ECMS (is-'servizzi tal-infrastruttura tal-Eurosistema') li għalihom ikunu ffirmaw minn tal-anqas Ftehim ta' Parteċipazzjoni tal-Valuta. Il-membri għandhom jallokaw biżżejjed żmien għall-involviment attiv tagħhom fil-ħidma tal-MIB.

L-MIB huwa l-korp ta' governanza li jappoġġja lill-Kunsill Governattiv fl-iżgurar li s-servizzi tal-infrastruttura tal-Eurosistema jinżammu u jiġu żviluppati ulterjorment, kif ukoll li l-proġetti li jirrigwardaw is-servizzi tal-infrastruttura tal-Eurosistema (il-'proġetti tal-infrastruttura tal-Eurosistema' jew 'proġetti') jiġu ġestiti, f'konformità mal-għanijiet tat-Trattat tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), mal-bżonnijiet tan-negozju, l-avvanzi teknoloġiċi, il-qafas legali applikabbli għal servizzi u proġetti tal-infrastruttura tal-Eurosistema, kif ukoll ir-rekwiżiti regolatorji u superviżorji, b'rispett sħiħ tal-mandati tal-Kumitat SEBĊ stabbiliti taħt l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tal-BĊE. L-MIB jirrapporta lill-korpi tal-BĊE li jieħdu d-deċiżjonijiet.";

(b) fl-introduzzjoni, ir-raba' u l-ħames paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-obbligu tas-segretezza professjonali ddikjarat fl-Artikolu 37.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn'il quddiem l-'Istatut tas-SEBĊ') japplika kemm għall-persunal tal-BĊE kif ukoll għal persunal ta' bank ċentrali nazzjonali (BĊN) li jwettaq kompiti tas-SEBĊ, u jkopri, fost affarijiet oħra, informazzjoni kunfidenzjali li tirrigwarda s-sigrieti tan-negozju jew kwalunkwe informazzjoni oħra li għandha valur kummerċjali. Obbligu ekwivalenti japplika għall-membri tal-MIB li mhumiex minn bank ċentrali meta jwettqu kompiti bħala membri tal-MIB. Il-membri li mhumiex minn bank ċentrali jridu jikkonformaw ukoll ma' kwalunkwe regola ta' kondotta addizzjonali li tista' tiġi prevista fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-ħatra tagħhom.

Huwa xieraq, u konsistenti mal-prattiċi ta' amministrazzjoni tajba, illi l-Kundizzjonijiet tal-Impieg applikabbli għall-President tal-MIB, u d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-Membri tal-MIB li huma membri tal-istaff ta' BĊN, għandhom jipprovdu għal rimedju legali għal ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta ('il-Kodiċi'). Obbligu ekwivalenti japplika għall-membri tal-MIB li mhumiex minn bank ċentrali.";

(c) Fit-Taqsima 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) 'Viċi President' tfisser il-persuna li tappoġġja lill-President Chairperson li jinħatar minn fost il-membri tal-MIB mill-Kunsill Governattiv. Il-Viċi President jappoġġja lill-President u jippresjedi l-laqgħat tal-MIB, fl-assenza temporanja tal-President, f'konformità mal-aġenda predeterminata għal-laqgħa tal-MIB inkwistjoni.";

(4) L-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS IV*

PROĊEDURI U REKWIŻITI GĦALL-GĦAŻLA, IL-ĦATRA U S-SOSTITUZZJONI TAL-MEMBRI TAL-BORD TAL-INFRASTRUTTURA TAS-SUQ

1. **Ħatra tal-Membri**

1.1. Il-Bank Ċentrali Ewropew (il-'BĊE') għandu jippubblika sejħa għal espressjoni ta' interess sabiex jinħatru membri tal-Bord tal-Infrastruttura tas-Suq (l-'MIB') li mhumiex minn bank ċentrali u għall-ħolqien ta' lista ta' riżerva. Is-sejħa għal espressjoni ta' interess għandha titwettaq skont l-Artikolu 2(5) tad-Deċiżjoni (UE) 2016/245 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/2) (*). Il-proċedura għandha tkun konsistenti mal-prinċipji ġenerali tal-akkwist pubbliku.

1.2. Is-sejħa għal espressjoni ta' interess għandha tistabbilixxi, fost affarijiet oħra: (a) ir-rwol tal-MIB; (b) ir-rwol tal-membri tal-MIB li mhumiex minn bank ċentrali; (c) il-kriterji tal-għażla; (d) aspetti finanzjarji rilevanti; u (e) il-proċedura tal-applikazzjoni, inkluż skadenza għar-riċevuta tal-applikazzjonijiet.

1.3. Is-sejħa għal espressjoni ta' interess għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq is-sit web tal-BĊE fl-istess ħin. F'każ ta' diskrepanzi, il-verżjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandha tieħu l-preċedenza fuq verżjonijiet oħra.

1.4. L-iskadenza għall-kandidati biex jissottomettu applikazzjoni għandha tkun tal-anqas 35 jum kalendarju wara l-pubblikazzjoni tal-avviż ta' kompetizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. **Il-proċedura tal-għażla**

2.1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jevalwa lill-kandidati skont il-kriterji tal-għażla stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' dan l-Anness.

2.2. Il-President tal-MIB, rappreżentanti mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema, u staff tal-BĊE jistgħu jappoġġjaw lill-Bord Eżekuttiv fil-mili tal-formoli għall-evalwazzjoni tal-kandidati, li jinkludu sommarju tal-merti u n-nuqqasijiet tal-kandidat fil-kuntest tal-kriterji tal-għażla għall-mandat u rakkomandazzjoni għall-ħatra skont l-adattabbiltà tal-kandidat.

2.3. Il-Kunsill Governattiv għandu jaħtar il-membri tal-MIB li mhumiex minn bank ċentrali abbażi ta' proposta tal-Bord Eżekuttiv.

2.4. Żewġ kandidati għandhom jinħatru direttament, u għandha tiġi stabbilita lista ta' riżerva ta' kandidati għal pożizzjonijiet vakanti futuri.

3. **Kriterji ta' għażla**

3.1. Il-kriterji tal-għażla huma kif ġej:

(a) għarfien espert bħala uffiċjal għoli fl-industrija tal-pagamenti jew għarfien espert fl-industrija tat-titoli, jew bħala fornitur ta' servizz jew bħala utent ta' servizzi f'dan il-qasam, kif ukoll għarfien espert relatat mas-settur finanzjarju usa' tal-Unjoni;

(b) mill-anqas 10 snin esperjenza ta' interazzjoni mal-parteċipanti ewlenin fis-swieq finanzjarji tal-Unjoni;

(c) esperjenza rilevanti, preferibbilment fil-ġestjoni tal-proġetti;

(d) il-kapaċità li jikkomunika b'mod effettiv bl-Ingliż;

(e) il-kapaċità li jiddedika biżżejjed ħin għall-kwistjonijiet tal-MIB; u

(f) konformità mar-rekwiżiti għal 'direttur indipendenti' kif speċifikat fir-Regolament (UE) 2025/1355 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2025/22) (**), li jistabbilixxi rekwiżiti ta' sorveljanza għal sistemi ta' pagament sistemikament importanti (SIPS).

4. **Lista ta' riżerva**

4.1. Il-BĊE għandu jimmira li dejjem iżomm lista ta' riżerva ta' kandidati potenzjali biex jimla l-pożizzjonijiet ta' membri tal-MIB li mhumiex minn bank ċentrali. Il-lista ta' riżerva hija approvata mill-Kunsill Governattiv u għandha tinkludi kandidati li applikaw għall-aħħar sejħa għal espressjoni ta' interess u li tqiesu bħala kandidat xieraq iżda li ma ntgħażlux bħala membru tal-MIB li mhuwiex minn bank ċentrali.

4.2. Il-lista ta' riżerva għandha tibqa' valida għal perijodu ta' 36 xahar ladarba tiġi approvata mill-Kunsill Governattiv. Il-Kunsill Governattiv jista' jestendi l-validità tal-lista ta' riżerva għal perijodu ieħor ta' 36 xahar, jekk iqis li huwa xieraq.

4.3. F'każ ta' post battal fl-MIB ta' membru li mhuwiex minn bank ċentrali, il-Bord Eżekuttiv jista' jagħżel kandidat mil-lista ta' riżerva skont il-klassifikazzjoni tiegħu u jipproponih lill-Kunsill Governattiv bħala membru mhux ċentrali tal-MIB għal mandat ta' 36 xahar jew għal mandat iqsar. Il-mandat jista' jiġġedded għal mandat ieħor ta' mhux aktar minn 36 xahar biex il-mandat totali ma jkunx jaqbeż il-mandat massimu ta' sitt snin permess għall-membri li mhumiex minn bank ċentrali.

4.4. Il-lista ta' riżerva ma għandhiex tkun miftuħa għal applikanti ġodda.

4.5. Il-kandidati jistgħu jaċċessaw, jaġġornaw jew jikkoreġu d-data tagħhom iżda ma jistgħux jaġġornaw jew jikkoreġu informazzjoni rilevanti għall-issodisfar tagħhom tal-kriterji tal-għażla wara d-data tal-għeluq tas-sejħa għal espressjoni ta' interess.

5. **Ħatra**

5.1. Il-membri tal-MIB li mhumiex minn bank ċentrali għandhom jinħatru f'kapaċità personali. Huma ma jistgħux jiddelegaw ir-responsabbiltajiet tagħhom lil membru ieħor jew parti terza.

5.2. Il-Kunsill Governattiv għandu jaħtar membri tal-MIB li mhumiex minn bank ċentrali bħala membri mingħajr vot tal-MIB għal massimu ta' 36 xahar, li jiġġeddu għal mandat ieħor ta' mhux aktar minn 36 xahar sabiex il-mandat totali ma jkunx jaqbeż il-mandat massimu ta' sitt snin permess għall-membri li mhumiex minn bank ċentrali.

5.3. Il-ħatra għandha tiġi formalizzata permezz ta' ittra tal-ħatra li tinkorpora t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ħatra tal-membri li mhumiex minn bank ċentrali tal-MIB kif stabbilit mill-Kunsill Governattiv.

6. **Dikjarazzjonijiet**

6.1. Il-membri tal-MIB li mhumiex minn bank ċentrali jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw il-Kodiċi ta' Kondotta tal-MIB, kif speċifikat fl-Anness III. Għaldaqstant, huma meħtieġa li jiffirmaw id-'Dikjarazzjoni ta' konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta' fl-Appendiċi 1 tal-Anness III u li jimlew u jiffirmaw id-'Dikjarazzjoni tal-interessi' fl-Appendiċi 2 tal-Anness III.

6.2. Il-membri tal-MIB li mhumiex minn bank ċentrali huma meħtieġa wkoll jiffirmaw id-dikjarazzjonijiet ipprovduti mas-sejħa għal espressjoni ta' interess.

7. **Terminazzjoni u sostituzzjoni**

7.1. Il-Kunsill Governattiv jista' jittermina l-mandat ta' membru tal-MIB li mhuwiex minn bank ċentrali jekk, fil-każ ta' membru li mhuwiex bank ċentrali, iseħħ wieħed minn dawn li ġejjin: kunflitt ta' interess, ksur ta' dmir, l-inabbiltà li jwettaq dmirijietu, ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta u/jew nuqqas serju fl-imġieba.

7.2. Il-mandat ta' membru li mhuwiex minn bank ċentrali jitqies bħala terminat meta dak il-membru li mhuwiex minn bank ċentrali jirriżenja jew jiskadilu l-mandat tiegħu mingħajr ma jiġi mġedded.

7.3. Jekk mandat jiġi tterminat qabel it-tmiem ta' terminu ta' 36 xahar, għandha tapplika t-Taqsima 4.2.

(*) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/245 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Frar 2016 li tistabbilixxi r-regoli dwar l-akkwisti (BĊE/2016/2) (ĠU L 45, 20.2.2016, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/245/oj).

(**) Ir-Regolament (UE) 2025/1355 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Lulju 2025 dwar ir-rekwiżiti ta' sorveljanza għal sistemi ta' ħlas sistemikament importanti (BĊE/2025/22) (ĠU L, 2025/1355, 14.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1355/oj).".